**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 295/2016 AGV**

**AB (ID nru: 568761 M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 773353 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB ( ID nru: 568761 M), tat- 12 ta' April 2019, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

Illi l-partijiet zzewwgu nhar il- 15 ta' Dicembru 1982 u minn daz-zwieg kellhom zewg tfal illum maggorenni;

Illi l-imsemmija data taz-zwieg taghhom, bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwsiti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 1316 (1) tal-kodici Civili;

Illi l-partijiet ilhom separate de facto sa mis-sena 2014, u fil-fatt l-esponenti kienet telqet mid-dar matrimonjali f' Settembru 2014, u dana minhabba agir tal-konvenut;

Illi ghalhekk il-partijiet, ilhom jghixu hajja separata minn xulxin sa minn Settembru 2014. Illi a kawza ta' dan , l-esponenti ghandha l-biza' li l-konvenut jista' jaghmel xi djun ma terzi persuni percio' jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma ghandhiex tkun esposta ghall-ebda riskju jew konsegwenza;

Illi tali terminazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti ghandu jgib beneficcju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma taghmel xi dejn, li tigi attribwita lill-komunjoni, izda ukoll tkun tista' tirriakkwista id-dritt illi taghmel l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali u dan minghajr il-htiega tal-kunsens u / jew approvazzjoni jew intervent tal-parti l-ohra;

Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili b' dan illi m' hu jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenut;

Ghaldaqstant , in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisi tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili;
2. Tawtorizza lill-esponent sabiex tirregistra fir-registru Pubbliku ta' Malta, l-eventwali sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Salv kull provvediment iehor, li dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa u opportun.

Rat illi l-konvenut, minhabba indisposizzjoni fit-tul, talab li jwiegeb ghar-rikors fi stadju ulterjuri.

Rat illi, minkejja li ghaddew diversi xhur, il-konvenut baqa' ma kkomunikax mal-avukati tieghu, u l-Qorti ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza *in parte* fuq ir-rikors tal-attrici.

**IKKUNSIDRAT;**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess Artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex*

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

*dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Gialadarba l-intimat konvenut naqas milli jippresenta risposta fejn jaqbel jew jopponi, u jaghti ragunijiet ghaldaqshekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni. Ordni bhal din taffettwa biss l-istat presenti tal-partijiet, fis-sens li min issa, kull parti tista' tixtri proprjeta' f'isimha minghajr il-htiega tal-firma jew tal-kunsens tal-parti l-ohra. Il-proprjeta' li kienet formanti parti mill-komunjoni tibqa' hekk mhux likwidata, u tali likwidazzjoni ssir biss mas-sentenza finali. F'dan l-istadju qieghed biss jigi dikjarat li minn issa 'l quddiem, kull proprjeta' li tinxtara mill-partijiet hija ta' dik il-parti li xtratha, u ma tifformax parti mill-komunjoni. Ghalhekk ukoll, dan ifisser li l-Qorti hi tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkaguna ebda *pregudizzju spropozjonat* lill-konvenut.

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess konvenut intimat naqas milli jippresenta risposta entro terminu ragonevoli, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza finali, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra din l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**